MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 998/2001/1

**Lloyds (Malta) Limited fil-kwalita' taghha ta' rapprezentanti *ex lege* u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyds illi flimkien jifformaw id-ditta assikuratrici ossija sindikat ta' Lloyds illi jgib n-numru 963 u joperaw taht l-isem Crowe Motor Policies at Lloyds u Laferla Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess membri ta' Lloyds.**

**-vs-**

**Sean Arrigo Azzopardi.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-1 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta’ attrici Laferla Insurance Agency Limited hija l-mandatarja u rapprezentanti lokali tal-membri tad-ditta assikuratrici Lloyds migbura fis-sindikat numru 963 u li jopperaw taht l-isem Crowe Motor Policies at Lloyds , filwaqt illi s-socjeta’ Lloyds (Malta) Limited hija r-rapprezentanti *ex* lege tal-imsemmija membri ta’ Lloyds.

Illi f’din il-kwalita’ premessa taghha is-socjeta’ attrici Laferla Insurance Agency Limited kienet harget ossija geddet il-polza numru 131476-30/04 fl-1 ta’ Mejju 1989, illi biha kopriet il-vettura tal-marka Mazda numru ta’ registrazzjoni D-1451 propjeta’ ta’ Anthony Debattista taht polza tat-tip ‘*Third Party Fire and Theft*’ ghall-periodu dekorribbli minn dakinhar sat-30 ta’ April tas-sena 1990.

Billi l-polza hekk mahruga mill-atturi kienet tkopri l-uzu tal-imsemmija vettura minn sewwieqa ‘l-fuq mill-eta’ ta’ wiehed u ghoxrin sena.

Illi waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura D-1451 hekk assikurata mill-atturi gewwa Triq il-Kappuccini, Victoria, Ghawdex fil-lejl ta’ bejn it-13 u l-14 ta’ April 1990, il-konvenut habat fil-vettura tal-marka Mazda, numru ta’ registrazzjoni numru N-9673, misjuqa minn Frank Schembri.

Illi Adam Scicluna kien riekeb bhala passiggier fil-vettura misjuqa mill-konvenut u bhala konsegwenza tal-incident fuq imsemmi, l-imsemmi Adam Scicluna garrab ingurji gravi illi bhala konsegwenza taghhom baqa’ jsofri minn disabilita’ permanenti.

Illi, in vista ta’ tali ingurji, l-imsemmi Adam Scicluna ipprezenta ic-citazzjoni numru 933/93 AJM, fl-ismijiet Adam Scicluna versus Sean Arrigo Azzopardi, appuntu kontra l-imsemmija konvenut odjern sabiex l-istess konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-kolizjoni tal-14 ta’ April 1990, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha sofferti minnhu bhala konsegwenza tal-istess kollizjoni u talab illi l-istess danni jigu likwidati mill-Qorti u li l-konvenut jigi

kkundannat jhallas lill-istess Adam Scicluna d-danni hekk likwidati.

Illi b'sentenza moghtija fit-8 ta' Jannar 2001, dina l-Qorti iddecidiet il-kawza hekk prezentata mill-imsemmi Adam Scicluna billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, ddikjarat lill-konvenut Sean Arrigo Azzopardi bhala responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza u konsegwentement ghad-danni soffriet mill-attur Adan Scicluna, illikwidat dawn id-danni fi-somma kumplessiva ta' Lm39,700 u kkundannat lill-istess konvenut Sean Arrigo Azzopardi jhallas lill-attur f'dik il-kawza is-somma ta' Lm39,700 bl-imghax mid-data tas-sentenza u dan bl-ispejjez tal-istess kawza pagabbli mill-istess konvenut hlief dawk tal-attur odjern illi kien intervjena f'dik il-kawza (Dok A).

Illi l-imsemmija sentenza tat-8 ta' Jannar 2001 ma giet appellata minn ebda parti u ghaddiet in gudikat fid-29 ta' Jannar 2001 (Dok E).

Illi l-ispejjez gudizzjarji inkorsi mill-imsemmi Adam Scicluna fil-kawza fuq imsemmija (CIT NRU 933/93 AJM) kienu jammontaw ghas-somma ta' Lm 1881.49 illi b'zieda tat-taxxa fuq il-valur mizjud tellghu b'kollox ghal Lm1963.05, filwaqt illi l-ispejjez gudizzjarji tas-socjeta' attrici naxxenti mill-intervent taghha f'dik il-kawza kienu Lm965.49 illi allura u b'zieda fuq it-taxxa tal-valur mizjud tellghu ghal Lm1105.48 (DOK B).

Illi jirrizulta illi fl-14 ta' April 1990, cioe' d-data meta sehhet il-

kollizjoni fuq imsemmija, l-imsemmi konvenut kien taht l-eta' ta' wiehed u ghoxrin sena u ghal dik ir-raguni u minhabba ragunijiet ohra illi ghandhom jirrizultaw fil-kors tas-smiegh tal-kawza, l-imsemmi konvenut ma kienx kopert taht il-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija mahruga mill-atturi illi kienu ghalhekk intitolati illi ma jkoprux lill-istess konvenut kontra l-pretenzjonijiet tal-

imsemmi Adam Scicluna naxxenti mill-uzu tal-konvenut mill-istess vettura.

Illi pero' kontestwalment mac-citazzjoni pprezentata minnu fl-4 ta' Awissu 1993 fuq imsemmija l-imsemmi Adam Scicluna kien pprezenta ittri ufficjali kontra l-atturi (DOK C u D) ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 104 illi biha avza lill-istanti illi huwa kien ipprezenta l-imsemmija kawza (CIT NRU 933/93 AJM) kontra l-konvenut odjern.

Illi ghalhekk u bl-operazzjoni tad-dispozzijonijiet tal-Kapitolu 104 l-atturi kienu obbligati illi jhallsu lill-imsemmi Adam Scicluna l-ammonti kollha kanonnizzati favur tieghu fil-kawza minnu pprezentata ammontanti b'kollox ghal Lm41663.05 u fil-fatt hallsu tali somma lill-istess Adam Scicluna ghas-saldu tal-pretenzjoni tieghu ghall-hlas naxxenti mis-sentenza moghtija fit-8 ta' Jannar 2001.

Illi a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-istess Kapitolu 104 u in vista tal-fatt illi l-konvenut ma kienx kopert taht il-polza ta' assikurazzjoni mahruga minnhom b'mod illi hlief appuntu bl-operazzjoni tal-imsemmi Kapitolu 104, l-istess atturi ma kienux ikunu marbuta jaghmlu tajjeb ghad-danni kawzati mill-imsemmi konvenut lil Adam Scicluna, l-atturi huma intitolati illi jitolbu lura u jithallsu minghand l-istess konvenut is-somma ta' Lm41663.05 hekk minnhom imhallsa lill-imsemmi Adam Scicluna.

Illi interpellat jhallas ossija jirrifondi lill-atturi s-somma ta' Lm41663.05 hekk minnhom imhallsa lill-imsemmi Adam Scicluna.

Illi interpellat jhallas ossija jirrifondi lill-atturi s-somma ta' Lm41663.05 minnhom imhallsa lill-imsemmi Adam Scicluna ghas-saldu tat-titolu ta' hlas minnu ottenut permess tas-sentenza tat-8 ta' Jannar 2001, fuq imsemmija, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ma kienx kopert taht il-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija numru 131476-30/04 mahruga mill-atturi b'mod illi l-istess konvenut huwa obbligat jhallas ossija jirrifondi lill-istess atturi is-somma ta' Lm41663.05 imhallsa mill-istess atturi lill-imsemmi Adam Scicluna ghas-saldu, tat-titolu ta' hlas minnu ottenut permess tas-sentenza tat-8 ta' Jannar 2001, fuq imsemmija.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ghar-ragunijiet premessi sabiex jhallas lill-istess atturi l-imsemmija somma ta' wiehed u erbghin elf sitt mija u tlieta u sittin lira u hames centezmi (Lm41663.05) dovuti lilhom kif fuq inghid.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10), tal-ittra ufficjali ippresentata mill-atturi fit-18 ta' April 2001 u dawk tal-mandat kawtelatorju ta' qbid ppresentat kontestwalment kontra l-konvenut illi jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax legali mit-23 ta' April 2001, cioe' d-data tan-notifika tal-ittra ufficjali fuq imsemmija, sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Dr.Stephen Thake u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fid-29 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Preliminarjament, l-eccipjent m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici peress li l-vettura in kwistjoni, proprjeta' ta' Anthony Debattista, giet mikrija lil Jason Pavia, mhux lilu. L-eccipjent ma kienx jaf ta' min hu l-van, wisq inqas kien jaf b'din il-kirja.

2. Preliminarjament u bla ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra sija procedurali kif ukoll fil-meritu, it-talbiet attrici huma preskritti ghat-tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap.16 peress li ghaddew aktar minn sentejn mill-incident 'de quo', li s-socjeta' attrici ilha taf bih sa minn meta gara.

3. Preliminarjament u bla ebda pregudizju ghall-eccezzjonijiet l-ohra sija procedurali kif ukoll fil-meritu, mhux minnu li kien hemm ragunijiet ghala l-eccipjent ma kienx kopert taht il-polza ta' assikurazzjoni mahruga mill-atturi lil Anthony Debattista.

4. Preliminarjament u bla ebda pregudizzju, fil-proceduri civili msemmija mis-socjeta' attrici fl-ismijiet "Adam Scicluna vs. Sean Arrigo Azzopardi", li fihom is-socjeta' attrici intervjeniet 'in statu et terminis', hija naqset li titlob is-sejha fil-kawza ta' Anthony Debattista. Barra minn hekk, ghalkemm kienet taf sa mill-bidu nett illi Anthony Debattista kera illegalment il-van lil Jason Pavia, is-socjeta' attrici qatt ma interpellat permezz ta' att gudizzjarju, wisq anqas istitwiet kawza, kontra l-imsemmi Anthony Debattista, il-persuna responsabbli, talli bhala proprjetarju tal-vettura assikurata kera illegalment l-imsemmija vetturi lil terza persuna (Jason Pavia) li ma kellux l-eta' ta' wiehed u ghoxrin sena ghat-tenur tal-polza ta' assikurazzjoni msemmija. Terga', hija baqghet ma ghamlet xejn lanqas meta rrizulta li l-van ta' Anthony Debattista kellu 'brakes' difettuzi.

5. Illi fil-meritu, l-esponent qatt ma kkontratta l-ebda dejn mas-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 2153 tal-Kap 12. Dan jghid li azzjonijiet ghal hsara mhux kagunati b'reati tkun preskritta wara sentejn. L-Artikolu 2137 jghid li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni tkun setghet saret; *il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in nhar illi din l-azzjoni tista' tigi esercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew il-kondizzjoni tal-persuna lilha din l-azzjoni tmiss.*

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kronologikament huma dawn. Fl-1990 il-konvenut kien qed isuq vettura assikurata mill-atturi li kienet pero' proprjeta' ta' haddiehor, meta kien involut f'incident. Wegga' passiggier fil-vettura illi stitwixxa kawza kontra tieghu. Dan kien fl-1993. Il-kawza giet deciza favur din il-persuna fl-2001 u l-atturi hallsu dak dovut, kif kienu obligati illi jaghmlu skond l-Artikolu 10(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jghid testwalment;

*Jekk … tinghata sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabilita' li ghandha tkun koperta minn polza, f'dan il-kaz ...huwa ghandu jhallas lill-persuna li favur taghha tkun inghatat is-sentenza.*

Immedjatament wara l-atturi fethu din il-kawza biex il-konvenut ihallashom l-ammont sborzat minnhom. Il-konvenut qed isostni illi l-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri minn meta gara l-incident u cioe' mill-1990 u allura f'dak il-kaz ikun ampjament preskritt. L-atturi qed isostnu li huma setghu jifthu l-kawza fil-konfront tal-konvenut biss meta giet deciza l-kwistjoni tar-responsabbilita' tieghu ghall-incident in kwistjoni u d-danni konsegwenzjali.

Il-kwistjoni hija fil-verita' jekk skond l-Artikolu 2137 fuq imsemmi, l-azzjoni setghetx giet esercita qabel is-sentenza moghtija mill-Qorti illi kkundannat lill-konvenut biex ihallas id-danni li kkawza meta kien qed isuq il-vettura in kwistjoni. Diversi fatturi kkonvincew il-Qorti illi l-atturi qatt ma setghu jesercitaw l-azzjoni odjerna qabel giet deciza dik il-vertenza.

L-ewwel nett l-ewwel ried jigi deciza min kien responsabbli ghall incident. Kwindi l-atturi qatt ma setghu jaqbdu u jiccitaw il-konvenut qabel jirrizulta dan. Huwa minnu illi setghu jinnotifkawh b'att gudizzjarju izda qatt ma setghu jistitwixxu l-kawza u dan kien ikun ifisser li jigu soggetti ghal proceduri da parti tieghu. Il-Qorti hija certa li kieku l-atturi procedew mill-ewwel il-konvenut kien jeccepixxi l-intempestivita' tal-azzjoni u f'dak il-kaz kien ikollu ragun.

Barra minn dan l-atturi zgur ma kienux f'posizzjoni illi jikkwantifikaw it-talba taghhom ghaliex din giet likwidata b'mod cert permezz tas-sentenza in kwistjoni.

Kif anke gie ritenut fil-kawza Mario Testa vs Alfred Theuma (App. Inferjuri - 12 ta' Mejju, 2003), intqal illi;

*Skond l-insenjament tal-Giorgi (Obligazione Vol VII p 594) l'initium prescriptiones' jibda mill-'exordium obligationis' cioe' minn meta l-kreditu' isir esigwibbli. Hekk per ezempju jissuccedi fil-kaz fejn l-azzjoni gudizzjarja li tkun qed tigi*

*ezaminata biex jigi stabbilit jekk hemmx preskrizzjoni jew le tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament gudizzjarju iehor, li sakemm ma jigix pronunzjat, ma jippermettix li l-perkors tal-perjodu preskrittiv jibda u jibqa' miexi. Ara fir-rigward is-sentenza fl-ismijiet Caterina Gerada vs Dr Antonio Caruana noe (Appell Kummercjali - 30 ta' Mejju, 1969).*

Ghalhekk il-Qorti thoss illi l-atturi ma setghux jinizjaw il-proceduri in kwistjoni qabel id-decizjoni tal-Qorti fir-rigward tar-responsabilita’ tal-istess atturi li jhallsu lill-attur f’dik il-kawza minhabba r-rizultanzi processwali taghha illi kkulminaw fis-sentenza in kwistjoni.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u cioe’ dik tal-preskrizzjoni u tordna illi l-kawza titkompla.**

**Spejjes ta’ din l-istanza a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------